MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 1202/2005

Ivan Vella
vs
David Camilleri

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha eccepixxa:

Illi il-konvenut huwa debitur ta' l-attur fis-somma ta' sebat elef mija wiehed u tletin Lira u disgha u hamsin centezmu (Lm7,131.59), prezz li jaghmel parti minn somma akbar rapprezentanti xoghol ta' *membrane* li sar fil-fond tal-konvenut hekk kif ordnat minnu stess.

Illi l-konvenut gie interpellat kemm-il darba fosthom bl-ittra legali datata 3 ta' Ottubru 2005, izda minkejja dan il-konvenut baqa' inadempjenti.

Illi l-ammont huwa cert likwidu u dovut, u fil-fehma ta' l-attur il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti.

Illi ghalhekk din il-kawza tista tigi diciza bid-dispensa tas-smigh u dan *ai termini* ta' l-artikolu 167 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

l-attur talab lill-Qorti:

1. tiddeciedi t-talba ta' l-attur bid-dispensa tas-smigh u dan ai termini ta' l-artikolu 167 *et seq* tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana peress illi fil-fehma ta' l-attur il-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti.

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur somma ta' sebat elef lira mija u wiehed u tletin lira u disgha u hamsin centezmu (Lm7,131.59) rapprezentanti xogholijiet ta' *membrane* li sar mitlub mill-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghax, u b'hekk minn issa il-konvenut gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota in nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghanhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu billi ma hemm ebda ammont dovut lill-attur. Illi skond il-ftehim bejn il-partijiet l-attur kellu jaghmel x-xoghol bi prezz ta' Lm2.50 il-metru kwadru bil-materjal b'kollox u wara li lesta x-xoghol l-attur talab hlas bi prezz ta' Lm8.12 il-metru kwadru. Illi l-konvenut hallas dak kollu dovut lil attur.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Ottubru 2006 li permezz tieghu l-perit Godwin Abela gie nominat bhala perit arkitett.

Rat ir-rapport tal-Perit Godwin Abela li fih ghamel is-segwenti eccezzjonijiet u konkluzjonijiet:

**"KONSIDERAZZJONIJIET**

Wara li ha konjizzjoni tal-atti w l-provi mressqa mill-partijiet u wara li ghamel access fuq il-post, l-esponent jaghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

1) illi l-attur ghamel diversi xogholijiet ta' tqeghid ta'*membranes* differenti fil-proprjeta` tal-konvenut;

2) illi l-kontestazzjoni principali f'din il-kawza tirrigwarda r-rata ta'tqeghid tal-*liquid membrane* fuq it-*tennis court*;

3) illi kien hemm xi differenzi zghar dwar kejl ta' xi terrazzini pero` mhux dwar ir-rata tax-xoghol;

4) illi l-partijiet qablu li l-qisien tat-*tennis court* kienu 33.40 metri x 17.70 metri w cioe` arja ta' 591.18 metri kwadri;

5) illi l-art tat-*tennis court* kienet kostruwita bil-planki w ghaldaqstant kien hemm bzonn *bridging* bil-materjal 'geotextile' jew simili fuq il-gonot bejn il-planki;

6) illi skond il-provi mressqa nghataw tmien passati *liquid membrane* inkluz il-*primary coat*, tiela fuq il-gonot u tiela shiha fuq l-arja kollha;

7) illi skond il-metodologija ta' applikazzjoni ta' dawn il-materjali fuq ucuh tal-konkos, kif specifikata fil-*brochure* (Dokument esibit mill-attur fis-seduta tas-26 ta'April 2007) esibit waqt il-proceduri w hawnhekk anness, kellha tigi applikata l-ewwel passata *(primary coat)* bil-*membrane* dilwit 20% sa 30% bl-ilma biex b'hekk jigi

kkunsmat 0.200 kilogrammi kull metru kwadru; wara erbgha w ghoxrin siegha kellha tinghata passata ohra bil-*membrane* dilwit biss 5% b'konsum ta' materjal ta' 1 kilo kull metru kwadru w passata ohra bl-istess metodu tat-tieni wahda; dan ifisser illi skond l-istruzzjonijiet moghtija mill-manufattura tal-prodott, kellhom jigu kkunsmati 2.2 kilogrammi *membrane* kull metru kwadru b'total ta' 1,300.6 kilos apparti mit-tiela;

8) illi skond il-kwotazzjoni (Dokument PM1 esibit minn Dott. Manduca fis-seduta tad-19 ta'Frar 2007) moghtija lill-konvenut mid-ditta JCR, l-impurtaturi tal-*liquid membrane*, din kienet tinvolvi l-applikazzjoni ta' zewg passati *liquid membrane* dilwit b'25% u zewg passati bil-*liquid membrane* mhux dilwit, din l-applikazzjoni kienet tipprevedi l-konsum ta' 580 kilo materjal apparti mit-tiela; dil-kwotazzjoni kienet tfisser spejjez ta' Lm1.73 kull metru kwadru bhala materjal biss; tfisser ukoll li l-istess impurtaturi ma kienux qed isegwu l-metodologija ta' applikazzjoni rakkomandata mill-manufattura kif spjegata fil-paragrafu 7);

9) illi l-kwotazzjoni moghtija lill-konvenut mid-ditta Bitmac (Dokument esibit mill-konvenut fis-seduta tas-16 ta'Mejju 2007) kienet tikkonsisti fl-applikazzjoni ta' materjali kompletament differenti minn dawk li attwalment gew uzati w dan ix-xoghol kien se jiswa Lm5.35 kull metru kwadru li b'kollox jammontaw ghal Lm2,965 eskluz il-VAT li gew skontati ghal Lm2,900 ezkluz il-VAT u dan bhala materjal fornit biss;

10) illi l-attur inghata struzzjonijiet biex japplika tmien passati *liquid membrane* apparti mit-tqeghid tat-tiela;

11) illi skond provi dokumentati (Dokumenti mmarkati IV1 sa IV27 esibiti fis-seduta tat-22 ta'Marzu 2007) imressqa mill-attur, l-istess attur, bejn Jannar u Lulju 2005, ipprovda 104 x 20 Kilo u cioe` 2,080 kilo *ta' liquid membrane* biex jigi applikat fuq it-*tennis court*; dan ifisser aktar minn tlett darbiet u nofs l-ammont rakkomandat mill-impurtaturi;

12) illi skond l-istess dokumenti b'kollox l-attur xtara materjali b'valur ta'Lm4,119.35 biex jigu wzati fuq l-art tat-*tennis court*; dan iffisser rata ta' Lm6.97 kull metru kwadru f'materjali biss;

13) illi l-attur qed jippretendi (Dokument esibit fl-atti mill-attur waqt is-seduta tal-10 ta'ottubru 2006) hlas ta' Lm8.12 kull metru kwadru ghall-applikazzjoni tal-*liquid membrane* w t-tqeghid tat-tiela w Lm8.12 kull metru linejari ghall-applikazzjoni tal-*liquid membrane* w tqeghid tat-tiela ghall-izguxxatura tal-perimetru ta' l-istess *tennis court*;

14) illi l-konvenut qed jippretendi li jhallas lill-attur rata ta' Lm2.50 kull metru kwadru ghall-art tat-*tennis court* u rata ta' Lm0.83 kull metru linejari ghall-izguxxatura ta' l-istess *tennis court* u dan skond ftehim verbali bejniethom li ma giex ikkonfermat mill-attur;

15) illi l-konvenut xehed li ibbaza r-rata ta' Lm2.50 ghat-tqeghid *ta' liquid membrane* u tiela fuq kwotazzjonijiet li nghataw lilu minn zewg ditti ohra pero` dawn id-dokumenti ma gewx esibiti w l-anqas ma gie esibit x'tip ta' applikazzjoni kellha ssir biex inharget din ir-rata;

16) illi a bazi ta' l-applikazzjoni rakkomandata mill-impurtaturi li kienet tirrizulta rata ta' Lm1.73 kull metru kwadru ghall-materjali biss, il-fatt li ntuzaw 3.59 darbiet aktar materjali bl-applikazzjoni li l-attur ghamel taht l-istruzzjonijiet moghtija lilu, iffisser li Lm1.73 x 3.59 taghti rata ta' Lm6.21 kull metru kwadru li toqrob sew ir-rata ta' Lm6.97 kull metru kwadru li fil-fatt intnefqu f'materjali mill-attur skond kif dettaljat f'paragrafu 12);

17) illi meta relatata ghar-rata hawn fuq imsemmija, ir-rata pretiza mill-attur ta' Lm8.12 kull metru kwadru nkluz ix-xoghol ghandha titqies bhala rata gusta; fil-kaz tar-rata ta' Lm8.12 kull metru linejari ghall-izguxxatura din kienet esagerata;

18) jekk il-perimetru totali tat-*tennis court* kien ta' 102.2 metri w jekk giet applikata zguxxatura ta' erba passati *liquid membrane* bit-tiela wiesgha 0.300 metri, allura l-arja totali kienet ta' 30.66 metri kwadri u bl-istess rata ta' Lm8.12 kull metru kwadru, it-total tat-tqeghid ta' l-izguxxatura kellu jkun ta' Lm248.96;

19) illi dwar in-nuqqas ta' qbil dwar il-kejl tat-*terraces overlooking pool* u *tunnel around pool*, muri fuq dokument (Dokument immarkat DC3 esibit fis-seduta tas-16 ta'Mejju 2007, items 1.06 u 1.07) esibit mill-konvenut, jidher illi minn verifiki minn fuq il-pjanti esibiti, il-kejl taz-

zewg *terraces* fuq il-*pool* kellu jkun ta'130 metri kwadri waqt li l-kejl tat-*tunnel around pool* kellu jkun skond kif imkejjel mill-konvenut u cioe` ta' 39.75 metri kwadri.

KONKLUZJONIJIET

L-esponent jissottometti bir-rispett is-segwenti konkluzjonijiet li jindirizzaw punti ta'natura teknika w jeskludu materja ta' natura legali mhux fil-kompetenza tieghu.

i. Illi fl-opinjoni tieghu, wara l-konsiderazzjonijiet elenkati f'paragrafi 4) sa 17) aktar il-fuq, l-attur kien gjustifikat jitlob lill-konvenut rata ta' Lm8.12 kull metru kwadru ghall-applikazzjoni tal-*liquid membrane* u t-tqeghid tat-tiela fuq l-art tat-*tennis court* fil-fond tal-konvenut fil-Mosta b'dan illi t-totali dovut ghal dan ix-xoghol ghandu jkun ta' Lm4,800.38 (erbat elef u tmien mitt liri Maltin u tmienja w tletin centezmu ekwivalenti ghal €11,181.88 (hdax-il elf mija wiehed u tmenin Ewro u tmienja w tmenin ewrocentezmi) eskluz il-VAT;

ii. Illi fl-opinjoni tieghu, (kif diga spjegat f'paragrafu 18) tal-konsiderazzjonijiet, is-somma dovuta lill-attur mill-konvenut ghat-tqeghid ta' l-izguxxatura bil-*liquid membrane* u t-tiela ghandha tkun ta' Lm248.96 (mitejn u tmienja u erbghin liri Maltin u sitta w disghin centezmu) ekwivalenti ghal €579.92 (hames mija w disgha w sebghin Ewro w tnejn u disghin ewrocentezmi) eskluz il-VAT;

iii. Illi fl-opinjoni tieghu il-kejl taz-zewg *terraces* (semi-cirkolari) *over pool* ghandu jkun ta' 130 metri kwadri w ghaldaqstant is-somma dovuta bir-rata ta' Lm2.87 kull metru kwadru ghandha tammonta ghal Lm373.10 (tlett mija w tlieta w sebghin liri Maltin u ghaxar centezmi) ekwivalenti ghal €869.09 (tmien mija w disgha w sittin Ewro w disa' ewrocentezmi) eskluz il-VAT;

iv. Illi fl-opinjoni tieghu il-kejl tat-*tunnel around the pool* ghandu jkun kif indikat mill-konvenut u cioe` 39.75 metri kwadri w s-somma dovuta lill-attur dwar dan bir-rata ta' Lm1.75 kull metru kwadru ghandha tkun ta' Lm69.56 (disgha w sittin liri Maltin u sitta w hamsin centezmu) ekwivalenti ghal €162.04 (mija w tnejn u sittin Ewro w erba' ewrocentezmi) eskluz il-VAT.

In adempiment ta’ l-inkarigu lilu moghti tant ghandu l-esponent x’jissottometti ghal wisq aktar savju gudizzju ta’din l-Onorabbli Qorti.”

Rat il-mistoqsijiet u risposti in eskussjoni minn fejn jirrizulta li l-perit ha in konsiderazzjoni li t-*tennis court* kien fuq saqaf tal-planki. Zied li l-*membrane* tpogga fuq is-saqaf kollu. Semma li jkun ahjar li ssir sguxxjatura bejn il-gonot minhabba l-moviment bejn planka w ohra. Fil-kalkoli li saru, il-fatt li saret sguxxjatura bejn il-planki, apparti mill-kumplament tal-*membrane*, ittiehdet in konsiderazzjoni f’tali kalkoli. Ma qabilx li l-istima tax-xoghol kellha tigi riveduta ghax l-isguxxjatura fit-tnejn u ghoxrin *gap* bejn il-planki, peress li t-tnejn l-ohra huma parti mill-perimetru, diga ttiehed in konsiderazzjoni fl-ammonti w rata applikata biex sar il-kalkolu totali; l-ammont ta’ materjal li gie uzat, skond dak sottomess mill-attur stess, jinkludi l-materjal uzat fl-izguxxjaturi. Il-kalkolu sar a bazi tal-materjal kollu uzat mill-attur.

A fol 137 semma li l-ammont li kien ghadu dovut kien ta’ Lm5,492, u li l-konvenut diga hallas Lm5,000 akkont. Il-valur ta’ materjali skond id-dokument IV9 sa IV24 jammonta ghal Lm1,466.70 u dawn ikopru l-materjali msemmija fid-domanda, u li dawn inxtraw fl-2004. Zied li l-ammont kwotat dwar materjal mill-attur fix-xhieda kien wiehed approssimattiv u mhuz ezatt. Semma wkoll li l-attur hadem skond struzzjonijiet moghtija lilu mill-konvenut li diga ma kienux la skond kif rakkomandat mill-*manufacturers* u l-anqas skond kif rakkomandat mid-distributuri lokali.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza giet intavolata mill-attur stante li ghamel xoghol ta’ *membrane* li sar fil-fond tal-konvenut hekk kif ordnat mill-konvneut stess. L-attur sostna li ghandu jithallas l-ammont ta’ sebat elef, mija u wiehed u tletin Liri Maltin, u disghu hamsin centezmu (LM7,131.59) stante li l-konvneut gie interpellat biex ihallas dan l-

ammont, izda baqa' inadempjenti, l-attur ipproceda bil-kaz odjern.

Min-naha l-ohra, il-konvenut eccepixxa li t-talba ta' l-attur hija infondata peress li skond il-ftehim bejn il-partijiet, l-attur kellu jaghmel ix-xoghol bi prezz ta' zewg Liri u hamsin centezmu (Lm2.50) il-metru kwadru bil-materjal b'kollox u wara li lesta x-xoghol, l-attur talab hlas bi prezz ta' tmien Liri u tnax-il centezmu (LM8.12) il-metru kwadru.

Irrizulta mill-provi li l-ewwel punt ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet kien li l-konvenut sostna li ftehim mal-attur li jithallas bir-rata ta' zewg Liri u hamsin centezmu (Lm2.50) il-metru kwadru izda eventwalment il-kont ta' l-attur kien bi prezz ta' tmien Liri u tnax-il centezmu (Lm8.12) il-metru kwadru. Izda l-attur sostna li ma kienx ftiehem prezz minhabba li l-konvenut ordna biex il-likwidu jigi applikat, mhux dilwit bl-ilma kif isir is-soltu. L-attur sostna wkoll li l-prezz tal-materjal li kien jammonta ghal hamest elef Liri Maltin (Lm5,000) hargu hu stess. Skond kont mahrug mill-attur, it-total dovut lilu ta' tnax-il elf, mija u wiehed u tletin Liri Maltin, u disgha u hamsin centezmu (Lm12,131.59), thallas l-ammont ta' Lm5,000 mill-konvenut, u ghalhekk baqa' bilanc ta' Lm8,371.28 (fol 17).

Illi l-punti saljenti li jistghu jigu dedotti mill-atti tal-kaz huma li:

1) Irrizulta li l-attur hadem skond struzzjonijiet moghtija lilu mill-konvenut, liema struzzjonijiet ma kienux dawk rakkomandati minn min jimmanifattura l-prodott u lanqas mid-distributuri lokali.

2) Fuq il-kejl tat-*tennis court* ma kienx hemm kontestazzjoni.

Illi l-ftehim bejn il-partijiet kien fis-sens illi l-attur kellu jixtri l-materjal u jqieghdu hu stess, u l-konvenut ihallas ghal tali materjal u l-*mano d'opera* permezz ta' rata wahda kumplessiva.

Irrizulta wkoll illi l-konvenut ta struzzjonijiet lill-attur sabiex japplika diversi passati bil-*liquid membrane,* apparti mit-tqeghid tat-tiela, liema passati kienu jammontaw ghal tmien (8) passati. Illi ovvjament dan kien jirrikjedi ammont kbir ta' materjal, li mid-dokumenti ezebieti mill-attur irrizulta li kien jammonta ghal madwar 2,080 kilo ta' *liquid membrane,* li ammonta ghal Lm 4,119.35 f'materjal.

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet, jirrizulta li ma kienx hemm kontestazzjoni mill-konvenut illi l-attur fil-fatt uza din il-kwantita` ta' materjal sabiex jigu applikati tmien (8) passati kif kien talab l-istess konvenut.

Izda l-konvenut issottometta li l-Perit Abela, kif irrileva huwa stess, ma dahalx fi kwistjonijiet ta' natura legali u li l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lill-attur billi l-ftehim kien li l-attur jahdem bil-prezz ta' Lm2.50 kull metru kwadru u li ghalhekk l-attur ma jistax jippretendi li jithallas izjed mill-ammont miftiehem bejn il-partijiet. F'dan l-argument il-konvenut certament li kien ikollu ragun li kieku rnexxielu jgib prova konklusiva tal-ftehim bir-rata ta' Lm2.50, izda ta' min jghid li l-konvenut ma gabx la prova ta' xi dokument u anqas ta' xi xhieda li r-rata kienet wahda pattwita u biz-Lm2.50. Hemm xhieda konfliggenti bejn l-attur u l-konvenut, u ghalkemm huwa veru li kien jispetta lill-attur li jipprova t-talba tieghu fil-kaz in ezami l-Qorti ghandha sitwazzjoni fejn certament ftehim ta' xi natura sar dwar xoghol fuq it-*tennis court*, li x-xoghol fil-fatt sar, li l-materjal inxtara, u l-Qorti ghandha l-obbligu tistabbilixxi l-valur tieghu oggettivament (haga li fil-fatt saret mill-Perit Abela) sakemm ma tingiebx prova ta' xi ftehim iehor. Dan il-ftehim iehor ma giex pruvat u ghalhekk il-Qorti jkollha toqghod fuq l-istima tal-perit nominat.

Fin-nota tieghu l-konvenut jittratta l-aspett li l-appaltatur hu dejjem obbligat u responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti. Izda l-kawza mhix relativa ghal xi xoghol li ma sarx skond is-sengha izda ghall-*quantum* tal-prezz. Il-problema mhix dwar it-tahlita tal-materjal, ghalkemm dan certament affettwa l-prezz finali, izda dwar l-ammont

dovut. Jizdied ukoll li ma jistax il-konvenut jippretendi li kien hemm ftehim konklusiv dwar ir-rata bil-prezz pattwit ta' Lm2.50 il-metru kwadru u li hu mbaghad kellu l-fakulta` li jordna lill-attur jaghti 8 passati b'materjal li jiswa aktar mir-rata stess pattwita ghax dan certament ma jaghmilx sens. Jekk kien hemm ftehim ta' Lm2.50 kif isostni l-konvenut suppost li kien hemm specifikat ukoll x'tip ta' materjal u xoghol kellu jsir. Izda l-konvenut jaghzel li jsemmi rata ta' xoghol minghajr ma jsemmi t-tip ta' xoghol.

Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tarax ghaliex m'ghandhiex toqghod fuq dak konstatat mill-Perit Tekniku. Fil-kors tal-kawza kien hemm ekwivoku dwar jekk il-figura ta' Lm5492 kenitx l-ammont totali jew il-bilanc dovut u saru domandi anke in eskussjoni dwar dan lill-Perit Abela. Biex il-Qorti tkun certa dwar dan l-aspett mija fil-mija regghet talbet lill-Perit Abela jixhed illum stess fejn dan ikkonferma li huwa l-bilanc dovut ta' Lm5492. Ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas l-ammont ta' Lm5,492 lill-attur. Illi l-attur ressaq il-provi tieghu a sodisfazzjon tal-Qorti filwaqt li min-naha tal-konvenut, dak li gie sostnut mill-attur ma giex validament oppost.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk tichad l-eccezzjoni tal-konvenut li ma hemm ebda ammont dovut lill-attur. Kif issemma fuq ma gie ippruvat ftehim bil-Lm2.50 il-metru kwadru.

Ghalhekk jidher li t-talba ta' l-attur hija gustifikata, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm5,492, ekwivalenti ghal €12,792.91.

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------